– BEJGH-U-XIRI TA' MERKANZIJA MILL-KONVENUTI MINGHAND L-ATTUR –
– BILANC TAL-PREZZ TAL-BEJGH MHUX SALDAT –
– BHALA REGOLA, ENTI GUDIKANTI MA TAGHMILX XOGHOL IL-PARTIJIET –
– ONERU TAL-PROVA U KIF DAN JOXXILLA MINN PARTI GHAL FUQ OHRA –
– PRESUNZJONI A FAVUR TA' L-ATTUR SKOND L-ART. 1234 KODICI CIVILI –
– ONERU TAL-KONVENUT LI JIPPROVA L-ECCEZZJONI TAL-PAGAMENT –
– IL-PAGAMENT IRID JIGI DEBITAMENT U KONKRETAMENT PRUVAT –
– VERITÀ REALI U VERITÀ PROCESSWALI –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **72/2017**

**DAVID BORG**
[K.I. NRU. 126483M]

***VERSUS***

**FRANK BORG** [K.I. NRU. 13174M] **U SAMANTHA BORG** [K.I. NRU. 431873M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fl-1 ta' Frar, 2017, l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh l-ammont ta' elf, seba' mija, tnejn u sebghin ewro u seba' u sebghin ewro centezmi (€1,772.77c) rapprezentanti ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija kif ahjar imfisser fl-istess Avviz. L-attur talab inoltre l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, dawk gudizzjarji marbuta ma' ittra ufficjali mahruga f'Novembru, 2017[1] u ohrajn konnessi ma' ittra bonarja[2] u kif ukoll l-imghax fuq l-ammont ta' €1,772.77c. Fil-kors tal-proceduri,[3] l-attur sostna li, wara li wettaq konteggi mill-gdid, kien qed jirreklama l-ammont ta' elf, sitt mija, seba' u erbghin ewro u sebghin ewro centezmi (€1,647.70c).

[1] Li qatt ma giet ezibita fil-kors tal-kawza.
[2] *ibid*.
[3] *vide* xhieda ta' l-attur fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 (*a fol*. 22).

B'Risposta mressqa fl-20 ta' Marzu, 2017, il-konvenuti eccepew li t-talba attrici hi infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u li huma m'ghandhomx ihallsu lill-attur l-ammont minnu pretiz ta' €1,772.77c izda se mai l-ammont inferjuri u bilancjali ta' €388.34c, li huma kienu lesti jhallsu lill-attur. Fil-kors tal-proceduri,[4] il-konvenuta afermat li, wara li wettqet nwovament il-konteggi relattivi, l-ammont bilancjali dovut lill-attur kien ta' €537.83c.

It-Tribunal qies il-provi kollha mressqa u ra l-atti processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

L-istorja fl-isfond ta' din il-kontiza tista' tigi deskritta b'dan il-mod.

L-attur, bi professjoni, jimporta indumenti konsistenti f'*underwear* mill-esteru u jbiegh l-istess lil diversi hwienet lokali madwar Malta u Ghawdex, fost ohrajn, lill-konvenuti li jiggestixxu hanut (bazaar) gewwa l-Imgarr. Jghid illi ilu jaghmel hekk fil-konfront tal-konvenuti mis-sena 2008. Ir-relazzjoni bejn it-tnejn kienet tajba u jidher li l-konvenuti kienu jhallsu lill-attur akkont tal-prezz globali li jkun ghad fadal u mhux li jissaldaw kull fattura b'mod individwali. Imbaghad, skond l-attur, il-konvenuti waqfu jhallsuh u skond il-kalkoli ta' l-istess l-ammont rimanenti minnhom dovut huwa ta' €1,647.70c.

Il-konvenuti jikkondividu li kien hemm dan in-negozju bejniethom, izda jghidu li l-istess ma kienx imur lura ghas-sena 2008 peress li huma bdew bil-hanut (bazaar) bl-isem "All In One" fi Frar, 2011.[5] Jghidu wkoll li kienu jinnegozjaw primarjament ma' missier l-attur u ftit li xejn ma' l-attur. Il-konvenuta kienet tiehu hsieb il-gestjoni tal-hanut (bazaar) u kienet twettaq l-ordnijiet billi tmur ghand missier l-attur gewwa Santa Venera fejn kienet tigbor l-ordnijiet u thallas l-*invoice* relattiva jew parti minnha. Il-konvenuti kellhom kont miftuh ma' missier l-attur (u wara ma' l-attur) u allura l-pagamenti minnhom imwettqa dejjem jinqatghu minnu. Il-pagamenti gieli kienu jkunu fi flus kontanti u gieli b'*cheque*. Imbaghad, wara Marzu, 2013 il-konvenuti ccessaw bin-negozju tal-hanut (bazaar). Skond il-kalkoli minnhom maghmula, huma ghad fadlilhom bilanc ta' €537.83c li ghandhom jithallsu lill-attur

Deskritti l-imsemmija fatti tal-kaz, wiehed issa jdawwar harstu lejn il-mertu tal-kwistjoni.

Ghakemm hu brokkard maghruf li l-matematika mhux opinjoni, f'dan il-kaz il-partijiet donnhom jifhmuha diversament.

It-Tribunal, *prima facie*, jiehu l-impressjoni illi fir-realtà – u dan huwa aktarx dovut ghal kif entrambe l-partijiet kienu jikkonservaw il-karti tan-negozju taghhom – la l-attur ma jaf ezattament x'lahqu hallsu l-konvenuti u lanqas il-konvenuti ma jafux bi precizjoni x'fadal dovut lill-attur. Infatti, fl-Avviz tat-Talba, l-attur kien inizjalment talab il-hlas ta' l-ammont ta' €1,772.77c li

---

[4] *vide* affidavit tal-konvenuta (*a fol*. 65).
[5] Dwar dan l-attur mhux cert – *vide* kontro-ezami tieghu fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 (*a foll*. 22–23).

mbaghad gie minnu ridott ghal €1,647.70c waqt ix-xhieda tieghu, filwaqt li l-ammont ammess bhala dovut fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti minn €388.34c gie mbaghad inkrimentat ghal €537.83c fil-kors tal-proceduri. Dan hu konferma tal-fatt li entrambe l-partijiet ma hadux hsieb li jiggestixxu sew il-kontijiet taghhom u jaraw ezattament x'konsenji sehhew, il-valur relattiv taghhom, x'kien qed jithallas, x'kien qed jigi ingassat mill-pagamenti, x'kien ghad fadal pendenti u li jzommu, almenu, sistema kemmxejn uniformi sabiex ma jkunx hemm lok ghal ekwivoci jew dubbji bejniethom (kif manifest fil-kaz odjern).

It-Tribunal jiddispjacih jistqarr illi l-modalità ta' kif kienu jigu saldati certu ammonti kien alkwantu dilettantesk u rimess "on a case-by-case basis". Huwa evidenti li ma gietx imhaddna jew adoperata sistema aktar uniformi u idoneja sabiex iz-zewg partijiet – il-kreditur fuq naha u d-debitur fuq l-ohra – ikunu t-tnejn jafu sewwasew fejn jinsabu dwar pagamenti, x'kien gie effettivament saldat, x'kien ghad fadal dovut u liema kienu l-*invoices* saldati u dawk li kienu ghadhom skoperti. Minhabba nuqqas fil-gestjoni tal-kreditu-dejn interkorrenti bejniethom, u anke minhabba dizorganizzazzjoni dokumentali dovuta ad entrambi – dwar l-istess materja u apparentement fuq l-istess serje ta' *invoices* – l-attur wasal ghal konteggi li fil-fehma tieghu jintitolawh jircievi €1,772.77c (sussegwentement €1,647.70c), filwaqt li l-konvenuti jemmnu li dak dovut huwa biss €388.34c (imbaghad sar €537.83c).

Stabblita d-diskordja aritmetika bejn il-kontendenti – fejn wiehed qed jghid li ghandu jiehu €1,647.70c mentri n-naha l-ohra tghid li ghandha solament thallas €537.83c – it-tnejn dehru quddiem dan it-Tribunal u wara narrazzjoni qasira tal-fatti kif minnhom esperjenzati, poggew numru ta' *invoices* (u dokumenti ohra simili u relatati) quddiem it-Tribunal, fejn wiehed (l-attur) qed jikkontendi li ghadhom interament dovuti u l-iehor (il-konvenuti) qed jghid li gran parti minnhom huma debitament imhallsa u li fadal bilanc zghir.

B'hekk, issa t-Tribunal jinsab di fronti ghal numerevoli *invoices* u dokumenti ohra analogi (u anke d-duplikati taghhom b'xi tharbix u kliem fuqhom) u huwa mplicitament mistenni illi jwettaq ezercizzju ta' komputazzjoni u konteggi ghan-nom tal-partijiet halli jara jekk l-istess verament iwasslux ghal €1,647.70c jew ghal €537.83c, jew addirittura ghal xi cifra ohra diversa minn dawk appena senjalati, bhal speci li l-Gudikatur tat-Tribunal hu mistenni li jirriversti wkoll rwol ta' *accountant ad hoc* tal-litigandi.

F'dan l-istadju, tinfetah parentezi qasira.

Huwa vera li t-Tribunal, bhal kull enti gudikanti ohra, ghandu jezamina l-provi mressqa sabiex, fuq il-preponderanza ta' l-istess, jasal ghal decizjoni. Madanakollu, ghandu jkun ukoll fatt inkontestat u cert li l-istess Tribunal m'ghandu l-ebda dover jew dmir li jwettaq xoghol il-kontendenti fil-procediment. Huwa wisq facli u semplici li parti, attrici jew konvenuta, tghid taghha, tressaq, *inter alia*, matassa ta' dokumenti li fil-fehma taghha jissorregu t-tezi individwali taghha u tieqaf hemm, bl-aspettattiva li t-Tribunal ser jixtarr kollox, jispigola fid-dettall id-dokumentazzjoni shiha hekk impoggija quddiemu u joqghod jahdem il-kontijiet biex

eventwalment jasal ghal somma partikolari halli jemetti gustizzja sostantiva dwar il-kaz. Dak mhux l-irwol ta' enti gudikanti f'kawza u lanqas m'ghandu jkun l-ispirtu li janima parti, attrici jew konvenuta, dinanzi ghal-istess enti gudikanti. Huwa ghalhekk li l-ordinament guriku domestiku jhaddan normi bhala ma huma "*onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*" u "*affirmanti incumbit probatio*" (rakkjuzi fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) u li kawza tigi deciza "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*". Dawn kollha implicitament jindikaw, u partikolarment jindividwaw, fuq min specifikatament jaqa' l-oneru u d-dover li l-kaz jigi ben pruvat u fuq min jirrikadi l-obbligu li jitressqu provi tajbin u sufficjenti.[6] Rwol l-enti gudikanti hija li tindividwa n-norma gurika applikabbli ghall-fatti pruvati u dan in suffragju tal-massima "iura novit curia".[7]

Ghar-raggungiment tad-decizjoni, l-enti gudikanti ghandha tkun idonejament gwidata u debitament mghejjuna mill-partijiet, l'ghaliex huma l-istess partijiet il-protagonisti ewlenin tal-vicenda processwali, filwaqt li l-gudikant fl-ahhar jarbitra abbazi tal-materjal lilu provdut.[8] Jekk

---

[6] Kif kellu okkazzjoni jghid dan it-Tribunal *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Tribunal Procedure, 21 ta' Marzu, 2018), "*Maltese Law embraces a predominantly adversarial, rather than an inquisitorial, procedural system. This is a system where the parties advocate their own case, or positions, before an impartial and equidistant person (a judge, a magistrate, an adjudicator, an arbitrator, etc.), who attempts to determine the truth and pass judgment accordingly on the evidence submitted exclusively by the contending parties. In contrast, under the inquisitorial system, the judge, magistrate, etc takes a more vigorous and active role in the proceedings and in the gathering of the evidence (the quantity and/or quality thereof). Under Maltese law, as embraced by domestic case-law, it is a known tenet that a party in civil proceedings is not expected to be guided by the Court or Tribunal regarding the quantity or quality of the evidence to be exhibited. That is purely up to the party submitting the relative evidence. The Court or Tribunal is only permitted to decide on the evidence it has before it and is not allowed to raise any awareness of either of the parties with respect to any possible lacunæ or potential inadequacies in the evidence submitted*."

[7] Massima li tixxiebah ma' din hi dik ta' "*da mihi factum, dabo tibi ius*" (tranduz. 'forniscimi il fatto, ti darò il diritto'): "*nel processo civile, alle parti è attribuito il compito di fornire al giudice le prove su cui si fonda il diritto che intendono far valere in giudizio; all'ordine giudicante è domandata la funzione di ricercare e di interpretare le norme da applicare al caso concreto sottoposto al suo giudizio*" (*cfr.* **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; p. 85). Ghal approfondiment dwar il-massima ta' "*iura novit curia*" wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Robert Fenech noe v. Christian Bonnici** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Novembru, 2017; konfermata fl-appell fit-18 ta' Gunju, 2018).

[8] Dan huwa hekk l'ghaliex, "*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (*cfr.* **FRANCESCO GAZZONI**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p. 102). Ghaldaqstant, "*le parti sono, e devono essere, su di un piede di parità i protagonisti e gli artefici del processo poiché loro è la res de qua agitur, e su di loro, infine, ricadranno gli effetti del giudizio*" (*cfr.* **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile", CEDAM 2007; Vol. I, p. 20). "*È, dunque, infedele alla legge quel giudice che, anche in buona fede, si sovrappone alle parti assumendo di fatto la veste di contradittore, che non gli compete; quel giudice che strumentalizza le parti ed il processo per un fine ad esso esterno, qualunque esso sia (politico, ideologico, economico, di sentimento, persecutorio, ecc. ecc.); quel giudice che finge di vivere il contradittorio ed il processo, ma giunge in realtà con la soluzione precostituita in tasca*." (*ibid.*, p. 31). L-istess awtur ikompli jghid li, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona*." (*ibid.*, p. 269).

tali materjal hu mressaq b'mod konfuz jew xott, il-gudikant mhux mistenni johloq sustanza fejn m'hemmx u lanqas li jikkreja l-ordni qalb id-dizordni lilu offert.

Fil-fatt mhux l-ewwel darba li l-qrati taghna esprimew ruhhom f'dan is-sens, ossia li ma kinux disposti jwettqu dak li kien primarjament doveruz ghall-parti interessata. Fil-kawza *in re* **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef** (Prim'Awla, 12 ta' Dicembru, 2013), fejn kienet giet sollevata l-materja ta' preskrizzjoni, il-qorti kienet sostniet tghid illi, "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.*" Fil-kawza *in re* **Geraldine Noel v. Mario Abela et** (Appell Inferjuri, 30 ta' Lulju, 2019) insibu l-istess filosofija ta' hsieb. Fil-proceduri quddiem il-qorti tat-tieni gerad l-appellanti kienet ilmentat mill-*quantum* ta' xi somom li ma gewx lilha akkordati fi proceduri t'arbitragg. Dwar tali aspett l-imsemmija qorti irriteniet hekk: "*L-attriċi għandha jedd tappella fuq punt ta' fatt, pero' kellha tirreferi għal dawk il-provi li fil-fehma tagħha kellhom iwasslu lit-tribunal jiddeċiedi li l-ispejjeż kienu fis-somma ta' €4,296.34. Ħaġa li m'għamlitx. L-attriċi ma tistax tippretendi li din il-qorti toqgħod tagħmel xogħolha*."

B'dan kollu premess, it-Tribunal ma harabx mill-obbligi tieghu u xtarr l-atti struttorji tal-kaz bl-ahjar hila li ghandu, hekk kif ser jigi diskuss *infra*.

It-Tribunal jaghlaq il-parentezi u jirrimarka inoltre hekk.

It-Tribunal ezamina u rega' qara ghal numerevoli drabi, u bl-ahjar reqqa li jippossjedi, l-att processwali relattivi u l-provi kollha dokumentarji, wiehed wiehed, u ma jezitax ighid, u minghajr ebda sens ta' misthija jammetti, li dan l-kaz habbtu mhux ftit u gieghlu jahseb fit-tul. Ghalkemm il-kaz idur fuq komputazzjoni ta' cifri u konteggi ta' ammonti allegatament imhallsa skond verzjoni u mhux saldati skond ohra, it-Tribunal hassu fid-dover li jaddentra ruhu f'tali materja u jaghmel hiltu sabiex jirricerka l-verità fejn tirrisjedi u dan peress li hu mghallem illi, "*Ir-ricerka tal-verità ghandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni*" (ara **Grazia Meilak et vs. Salvatore Grech**, Prim'Awla, 12 ta' Marzu, 1964 *per* Imh. Maurice Caruana Curran). Dan kien hekk ukoll biex jigi dejjem zgurat li l-ebda assunt lecitu ma jigi leggerment michud u anke biex l-ebda pretest irregolari ma jigi mprudentement akkolt minhabba xi nuqqas t'approfondiment li kull kaz bi dritt jixraqlu jew inkella ghax fid-definizzjoni ta' certa vertenza tkun mehtiega s-soluzzjoni ta' xi aspett novell, qatt qabel intrattenut, jew ghax il-kompitu jaf jittraduci ruhu f'xoghol ardwu jew fatikuz, problematiku jew difficli.

It-Tribunal evalwa l-i*statement* "Dok: DB.1" (*a fol*. 24–25) prodott mill-attur li jaghti c-cifra komplessiva ta' €1,647.70c lilu dovuta u ra wkoll l-*invoices* relattivi minnu prodotti bhala "Dok: DB.2" (*a fol*. 26 u *a foll*. 46–55) u kif ukoll ir-ricevuti (sofor u hodor) li hu ressaq li jattestaw

pagamenti akkont da parti tal-konvenuti (*a foll*. 28–45). L-imsemmi *statement* juri li allegatament il-pendenza bejn il-partijiet kienet fl-ammont ta' €1,877.19c (*vide* data tas-27 ta' Jannar, 2012). Skond l-istess *statement*, sehhew numru ta' pagmenti akkont mill-konvenuti li jekk jitnaqqsu mic-cifra appena imsemmija dawn jaghtu l-ammont ta' €1,647.70c (dak li qed jigi reklamat f'din il-kawza).

Issa, filwaqt li fl-i*statement* hemm indikat 19-il pagament maghmul akkont fl-ammont komplessiv ta' €229.49c (li jwasslu ghall-imsemmi bilanc ta' €1,647.70c), jirrizultaw 18-il ricevuta (sofor u hodor) fl-ammont komplessiv ta' €213.30c. Id-diskrepenza hawnhekk hi ta' €16.19c. Fi kliem iehor, fuq l-i*statement* l-attur jindika li kien thallas akkont l-ammont ta' €229.49c (apparti l-*credit note* ta' €26.55c) filwaqt li tramite l-ircevuti (sofor u hodor) jindika li thallas is-somma anqas ta' €213.30c. Id-differenza f'dan ir-rigward hi biss ta' €16.19c.

Gew ukoll ezaminati l-provi dokumentarji prezentati mill-konvenuti, partikolarment ir-rendikont maghmul *di propio pugno* mill-istess konvenuti (*a foll*. 68–70). Minn tali rendikont johrog manifest li hemm indikati serje ta' *invoices* li fil-verità ma jiccentraw xejn fil-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-konvenuti indikaw numru kbir ta' *invoices* minnhom saldati, izda l-istess *invoices* m'humiex in kontestazzjoni u l-istess mhux annoverati fl-i*statement* prodott mill-attur. Ghalhekk, tali *invoices* huma immaterjali ghall-prezenti kwistjoni. Inoltre, il-konvenuti ezibew numru ta' ricevuti ta' hlas (*a foll*. 72–89) li kollha kemm huma jirreferu ghal pagamenti akkont *versu* l-*invoce* nru. 16275 illi m'hijiex wahda minn dawk elenkati fl-i*statement* ta' l-attur. Ghal darb'ohra, dawn huma irrilevanti ghal dan il-kaz.

Skond l-istess rendikont tal-konvenuti, l-*invoices* nru. 16347, nru. 18752, nru. 19479, nru. 19905 u nru. 16540 (riflessi fl-i*statement* tal-attur), u li jammontaw komplessivament ghal €728.22c, gew kollha minnhom imhallsa fi flus kontanti,[9] filwaqt li l-*invoice* nru. 16277, 18431, 16384 u 16327 jidher li gew parzjalment imhallsa, ossia mill-*invoice* nru. 16277 thallas €265.81c minn €415.30c li jhalli bilanc dovut ta' €149.49c;[10] mill-*invoice* nru. 18431 thallas €70.00c minn €73.87c li jhalli bilanc dovut ta' €3.87c;[11] mill-*invoice* nru. 16384 ma thallas xejn u li allura jhalli l-ammont originali ta' €119.04c;[12] u mill-*invoice* nru. 16327 thallas €340.33c minn €559.00c li jhalli bilanc dovut ta' €218.67c.[13] Sommati flimkien dawn jaghtu l-ammont allegatament saldat ta' €491.07c. Allura, skond il-konvenuti, mill-elenku ta' *invoices* fl-i*statement* ta' l-attur, huma hallsu l-ammont ta' €1,219.29c (i.e., €728.22c + €491.07c) li meta jigi sotratt mill-ammont ta' €1,877.19c (li kien id-dejn originali li minnu bdew isehhu l-pagamenti akkont) jwassal ghall-ammont ta' €657.90c (li hi cifra differenti minn €537.83c li huma jghidu li hi dovuta lill-attur).

---

[9] Skond l-i*statement* ta' l-attur xejn minn dawn l-*invoices* ma gie saldat.

[10] Skond l-i*statement* ta' l-attur mill-*invoice* nru. 16277 thallas €189.49c minn €415.30c li jhalli bilanc dovut ta' €225.81c.

[11] Skond l-i*statement* ta' l-attur mill-*invoice* nru. 18431 fl-ammont ta' €73.87c ma thallas xejn.

[12] Skond l-i*statement* ta' l-attur mill-*invoice* nru. 16384 fl-ammont ta' €119.04c ma thallas xejn.

[13] Skond l-i*statement* ta' l-attur mill-*invoice* nru. 16327 fl-ammont ta' €559.00c ma thallas xejn.

Mela allura, fuq naha (parti attrici) wiehed jara li skond l-i*statement* ta' l-attur, mill-pendenza originali fl-ammont ta' €1,877.19c, sehhew pagamenti akkont mill-konvenuti fl-ammont ta' €229.49c li jwassluna ghas-somma pretiza ta' €1,647.70c, filwaqt li fuq in-naha l-ohra (parti konvenuta) mill-konteggi ezibiti mill-konvenuti jidhru li huma allegatament hallsu akkont is-somma ta' €1,219.29c li twassalna ghall-ammont bilancjali ta' €657.90c dovuta lill-attur.

Maghmul tali ezercizzju u inkwadrat kollox fl-isfond tal-kaz, it-Tribunal jemmen li l-pendolu tal-preponderanza tal-provi izjed ixaqleb lejn il-posizzjoni attrici milli lejn dik konvenuta.[14]

Bil-provi forniti lil dan it-Tribunal, l-attur holoq presunzjoni favurih li hemm kreditu-dejn ezistenti bejnu u l-konvenuti (hekk kif stabbilit fis-sentenza riportata f'*Kollez*. **Vol.XXXII-I-535**). Tali presunzjoni – li *prima facie* hemm relazzjoni ta' kreditur-debitur bejn il-litigandi – komplew isahhuha l-konvenuti stess permezz tal-linja difensjonali taghhom fejn implicitament qed jirrikonoxxu d-dejn pretiz mill-attur izda qed jikkwalifikawh u jiddeskrivuh bhala wiehed f'ammont izghar peress li gran parti minnu gie mhallas. Minn dan jinzel illi sta ghalihom li jipprovaw li l-ammont reklamat mill-parti attrici gie in gran parti konkretament saldat u li llum-il gurnata li d-debitu kontrihom hu f'ammont ferm anqas.

B'tali posizzjoni difensjonali l-konvenuti waddbu l-oneru probatorju fuqhom stante illi hija gurisprudenza rikonoxxjuta li min jeccepixxi jew jallega l-pagament ghandu d-dmir li jipprovah. Dan ma hu xejn hlief estensjoni tal-principju rakkjuz fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jistabbilixxi li, "*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Din id-disposizzjoni ma tiddiskriminax bejn il-figura ta' l-attur li jippromwovi azzjoni u bejn dik tal-konvenut li jirrezisti ghall-istess tramite d-difiza tieghu. Din hi disposizzjoni redatta b'mod ampju u generiku, li ghandha tigi interpretata li kull minn jallega fatt ghandu l-obbligu guridiku li jissostanzjah bil-produzzjoni ta' provi konkreti.

Fil-kaz odjern, huma l-konvenuti li riedu jissodisfaw dan l-oneru sabiex jiskarikaw l-istess minn fuqhom u, *ergo*, "jirbhu" l-eccezzjoni minnhom imqanqla u dan ghax f'certi kazijiet il-konvenut bl-eccezzjoni tieghu isir attur in forza tal-principju "*reus excipiendo fit actor*" u ghalhekk ikun obbligu tieghu li jipprova dak li jkun eccepixxa (ara ghar-rigward *in re* **John Baptist Zammit noe v. Joseph Vella noe**, Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 23 ta' Mejju, 2008). B'riferiment ghad-duttrina Ingliza, fid-decizjoni *in re* **Angelo Scicluna v. John Scerri** (Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju, 1951; konfermata fl appell fid-19 ta' Novembru, 1951) inghad appropozitu li, "*Dan hu in armonia mal-principju generali accettat minn zmien antik mit-trattisti Inglizi f'materja probtorja, u gie hekk espress mill-Phillips, Treatise on the Law of Evidence, page 189:- «Although in general*

[14] Kif gie osservat minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018)**,** "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company*."

*it is necessary for a party who brings an action, to prove all the material facts which he alleges in support of his claim, yet, where the defendant pleads a fact within his own knowledge in discharge of himself, and the plaintiff still insists on the defendant's liability, then the burden of the proof lies on the defendant, not upon the plaintiff.*»"

Skond it-taghlim ta' **Francesco Ricci** ("Delle Prove", UTET, 1891; §34; pp. 52-53), "*L'attore che ha a favore della sua domanda una presunzione è dispensato dall'onere della prova: così pure dallo stesso onere é dispensato il convenuto la cui eccezione ha base in una presunzione. Effetto della presunzione é, come si esprime la Cassazione di Torino (decis. 16 febbraio 1855, VII, 1, 176), di far considerare la cosa presunta come provata sinchè non si dimostri il contrario. La parte, quindi, cui una presunzione è opposta, non può limitarsi ad asserire il contrario, ma deve distruggere la presunzione stessa con una chiara e indubitata prova della fatta impugnativa*." Izda ta' min jirrileva illi l-presunzjonijiet jistghu jkunu ta' zewg tipi, ossia (i) presunzjonijiet legali (hekk kif insibu fl-Artikolu 1234 tal-Kodici Civili[15]) jew (ii) presunzjonijiet semplici, jew inkella imsejha wkoll "*præsumptiones hominis*" (l-Kodici Civili Malti jidher li hu sieket dwar dawn[16]). Dwar din l-ahhar menzjonata presunzjoni nsibu ritenut mill-fuq menzjonat gurist Taljan illi, "*il valore delle presunzioni umane non è determinato a priori, ma valutabile in ciascun caso, avuto riguardo alle speciali circostanze del medesimo* … *Ora, se, avuto riguardo a tali circostanze, le presunzioni addottate sono talmente efficaci da ingenerare nel giudice il convincimento di quanto colle medesime vuolsi sostenere, colui che le allega sarà dispensato dal fornire ulteriore prove del suo assunto*." (**Ricci**, *op cit.*, §35; p.55).

Il-presunsjoni li qed implicitament tigi invokata mill-attur in sostenn tat-tezi tieghu tirrijentra fit-tieni xenarju u cioè tal-presunzjoni semplici, ossia *"hominis*". Il-provi forniti lil dan it-Tribunal – ossija l-istatement, l-*invoices* u l-ircevuti ta' hlas – kollha jmorru sabiex joholqu presunzjoni li *prima facie* jezisti kreditu a favur tal-parti attrici kontra l-konvenuti.[17]

Kreditur li jagixxi, invokanti titolu jew prova simili abbazi ta' l-assunt rizarcitorju tieghu, huwa, f'certu sens, dispensat bis-sahha ta' l-istess materjal probatorju milli jipprova r-rapport fondamentali u li juri li hemm *prima facie* kreditu favurih; mentri d-debitur, ma jistax jippretendi li jista' solament jikkontendi li hallas id-dejn (jew gran parti minnu) minghajr ma jadduci provi tajbin bizzejjed biex juri li effettivament hekk hu u sabiex jinnewtralizzaw il-presunzjoni a favur tal-kreditur tieghu. Ara, ghal dak li jiswa, *in re* **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby** (Prim'Awla, 9 ta' Marzu, 2005).

---

[15] Bhala ezempju ta' tali presunzjoni, huwa l-ikkagunar ta' danni *ut sic* jekk il-vicin ihaffer entro d-distanza legali *ex* Art. 439 Kodici Civili.

[16] Kontrappost mal-Kodici Civili nostran, dak Taljan jiddisponi espressament ghalihom taht l-Art. 2729.

[17] Fl-assjem taghhom dawn il-provi dokumentarji gew accettati mill-parti konvenuta hekk kif mistqarr minn Samantha Borg fil-kontro-ezami taghha fl-udjenza ta' l-4 ta' Marzu, 2019, senjatament *a fol*. 150 (fejn sostniet li hadmet il-konteggi taghha abbazi, *inter alia*, tad-dokumenti ezibiti mill-attur). Ghalhekk, il-principji relattivi ghall-indole ta' fattura (*invoice*) esposti fis-sentenza li qed tinghata llum stess minn dan it-Tribunal *in re* **Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini** (ref. nru. 356/2016) m'humiex applikabbli ghall-fattezzi tal-prezenti kaz.

Ghalhekk, f'kawzi ta' dan il-generu, il-parti attrici jehtiegilha biss tipprova, b'mod adegwat u sal-grad rikjest, il-kreditu taghha kontra l-parti konvenuta u ghaldaqstant l-*onus probandi* minnha inizjalment rikjest jigi skarikat fuq il-parti avversarja. Il-konvenut li jeccepixxi l-pagament *in toto* jew *in partem* tal-kreditu minnu reklamat irid imbaghad iforni provi sufficjenti, konvincenti u bizzejjed tajbin biex jarresta, totalment jew parzjalment, tali pretiza attrici. Hawnhekk, il-konvenut debitur jrid jaghmel il-prova tal-pagament tilhaq il-grad tal-prova lil hinn mid-dubbju ragjonevoli (hekk kif ser jintwera aktar 'l isfel).

Hi gurisprudenza kopjuza, u ormai assodata, li tenuncja illi l-prova tal-pagament tinsab a karigu ta' min jallegaha. Ghalhekk, il-konvenuti kellhom juru, dejjem ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, illi l-pagamenti li huma jallegaw li kienu wettqu lill-attur kienu verament u effettivament ghamluhom. Dan kellhom jaghmluh bi kwalsiasi mezz, "*basta li l-gudikant, bil-provi forniti fil-gudizzju, jakkwista c-certezza morali li l-hlas ikun effettivament sar*" hekk kif sostnut fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol.XXXVII-I-525**. Addizzjonalment, *in re* **John Cini v. Rita Camilleri** (Qorti ta' l-Appell Kummercjali, 28 ta' Lulju, 1982; mhux pubblikata) inghad illi, "*dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi "la prova del pagamento è a peso del convenuto che lo allega", kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie konstantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur lattur.*" Intqal ukoll *in re* **Giuseppe Darmanin v. Salvatore Muscat** (Prim'Awla, 23 ta' Frar, 1965), illi, "*Min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju, fin-nuqqas ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-prezunzjoni li d-dejn ma thallasx (kollez vol. XXXII.I.535) jekk ma jigix pruvat, kif del resto ma sarx, b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*"

Il-prova rikjesta mill-konvenuti f'dan l-ambitu ghandha tkun wahda konkreta (oggettiva) u kompleta (shiha). Il-prova tal-pagament allegat mill-konvenuti tista' ssehh b'kull mezz in kwantu illi l-produzzjoni ta' ricevuta m'hijiex indispensabbli u, allura, jistghu jingiebu provi ohrajn alternattivi, purkè tajbin u konvincenti hekk kif ritenut, fost diversi, *in re* **Avv. John Buttigieg noe v. Joseph Portelli noe** (Appell Kummercjali, 26 ta' Jannar 1976; mhux pubblikata). Kif affermat *in re* **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et** (Appell Suerjuri, 27 ta' Frar, 2003), "*Huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant*." Ara wkoll, f'dan is-sens *in re* **John Grima v. Victor Borg et** (Appell Superjuri, 28 ta' Novembru, 2008) u, aktar ricenti ghal zminijietna, *in re* **Estate Catering Houseware Enterprise Ltd v. Sergio Manché et** (Prim'Awla, 18 ta' April, 2018). Il-provi in sostenn ta' l-allegazzjoni tal-pagament li jestingwi l-kreditu tal-parti kreditrici ghandhom jilhqu gradi gholjin ferm, tant illi fid-decizjoni *in re* **Von Brockdorff Insurance Agency Ltd v. Visa Travel Ltd** (Appell Superjuri, 16 ta' Frar, 2007) inghad hekk: "*In linea ta' massima jinsab akkolt, ghall-iskop ta' l-attendibilità u verosimiljanza tal-versjonijiet reciproci tal-kontendenti, illi l-kreditur*

*jenhtieglu jipprova b'mod adegwat il-kreditu tieghu mentri d-debitur minn naha tieghu jrid jaghmel il-prova tal-pagament lil hinn mid-dubbju ragonevoli. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu hu generalment accettat illi f'kaz ta' dubbju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (Kollez. Vol. XXXV P III p 604).*"

Fid-dawl tas-senjalazzjonijiet *supra*, it-Tribunal jirrimarka li l-konvenuti ma fornewx provi tajbin bizzejjed biex juru li effettivament huma kienu issaldaw l-ammonti li huma jghidu li hallsu. Fil-verità, dan it-Tribunal ma jhossux konvint li l-konvenuti lahqu il-grad tal-prova mehtiega in sostenn tad-difiza u provi taghhom (*viz.* pagamenti), anke jekk tigi adoperata n-norma kontemplata fl-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.[18] Anzi, il-kaz tal-konvenuti ihalli lakuni u dubji li ma jistghux, fis-sewwa, jigu injorati. Hafna mill-pagamenti li jghidu li wettqu saru fi klus kontanti u ghalihom ma gietx ezibita ricevuta jew xi prova ohra tajba li tattesta l-hlas relattiv. Diversi mill-pagamenti li jghidu li wettqu huma kollegati ma' *invoices* li mhux in kontestazzjoni[19] u li l-attur ma qieghedx jitlob il-hlas taghhom.[20] Ghalkemm gew ezebiti xi *cheque images* mill-konvenuti,[21] dawn wehidhom ma jistghux jigu sewwa sew kollegati ma' l-*invoices* elenkati fl-i*statement* ta' l-attur. Tali *cheque images* juru li l-kovenuti kienu wettqu xi hlasijiet veru l-attur, izda ma jurux li tali hlasijiet marru biex jissaldaw l-*invoices* invokati mill-attur f'din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenuti ma lahqux il-prova tal-pagament, li kienet tmiss lilhom u, bhala korollarju, l-attur irnexxielu jipprova li huwa kreditur tal-konvenuti fl-ammont ta' €1,647.70c.

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-okkazzjoni, kif ghamel f'decizjonijiet precedenti,[22] illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi tali posizzjoni b'mod awtomatiku. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u, allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru ta' l-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li fi stadju inizjali jkunu jafu solament il-litiganti, tigi mbaghad imressqa f'forma guridika u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li

---

[18] Art. 9(2)(b) Kap. 380 jghid li it-Tribunal "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."
[19] *vide a foll*. 72–89.
[20] *vide a fol*. 71, *a foll*. 90 – 119, *a foll*. 121 – 122, *a fol*. 128–130, *a fol*. 132 u *a fol*. 137.
[21] *vide a fol*. 120, *a fol*. 133 u *a foll*. 141–142.
[22] Ara s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal, kif presjedut, *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2018 (mhux appellata) u dik *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri** moghtija fid-9 ta' Jannar, 2019 (mhux appellata).

qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, ghar-ragunijiet espressi f'din id-decizjoni, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsuh l-ammont ta' elf, sitt mija, seba' u erbghin ewro u sebghin ewro centezmi (€1,647.70c). L-interessi bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €1,647.70c jibdew jiddekorru mid-19 ta' April, 2018[23].

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' din il-kawza, izda mhux dawk ta' l-ittra ufficjali u l-ohra bonarja li jissemmew fl-Avviz tat-Talba,[24] ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[23] Li hija d-data ta' meta l-attur xehed u sostna bil-gurament tieghu illi l-ammont li kien qed jippretendi kien ta' €1,647.70c u mhux dak imnizzel fl-Avviz tat-Talba.
[24] Peress li qatt ma gew formalment ezibiti fl-atti ta' dan il-procediment u lanqas ma hemm referenza dettaljata ghalihom (partikolarment ghan-numru ta' referenza ta' l-ittra ufficjali).